# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 56/2017 SG**

**Paul Portelli**

**vs**

**Francis Pisani**

**Illum It-Tlieta, 22 ta' Settembru 2020**

Il-Qorti,

Preliminari

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Paul Portelli tal-20 ta' Lulju 2017 li fih ġie premess:

1. Illi l-esponenti huwa fil-pussess ta' raba li "Ta' Taħt in-Nadur", fil-limiti tan-Nadur aċċessibbli minn passaġġ li jisbokka fil-wied tar-Ramla, ossia t-triq magħrufa bħala "Ta' Taht it-Tafla";

2. Illi fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), jew ġurnata verjuri qrib dik id-data, l-intimat qabad u mbarra l-passaġġ li jagħti għal din ir-raba billi waħħal katnazz ma katina li hemm fil-bidu ta' dan il-passaġġ fejn qabel din il-katina kienet titneħħa liberament minn min ikollu d-dritt jgħaddi minn dan il-passaġġ;

3. Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-esponenti inkwantu jirrendi impossibbli l-aċċess da parti tiegħu għar-raba tiegħu;

4. Illi permezz ta' ittra uffiċċjali tas-6 ta' Lulju 2017, l-esponenti interpella lill-intimat sabiex jirripristina dan l-ispoll;

5. Illi l-intimat injora dik l-ittra kompletament;

6. Għid għalhekk inti konvenut/intimat għaliex ma għandhiex din il-Qorti:

(i) Tiddikjara illi inti kkommettejt spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tar-rikorrenti fir-raba tiegħu "Ta' Taħt in-Nadur" fuq deskritta li tinsab fil-limiti ta' Ndaur, Għawdex meta f'xi ġurnata qrib is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 2017 inti mbarrajt l-aċċess għal dik ir-raba b'katnazz li twaħħal fil-bidu tal-passaġġ li jipprovdi l-aċċess għaliha;

(ii) Tikkundannak sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilek prefiss, inti tisporga l-ispoll vjolenti u klandestin kommess minnek billi tneħħi dan il-katnazz u terġa' tirreintegra l access favur ir-rikorrenti;

(iii) Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti li jagħmel ix-xogħol necessarju huwa a spejjeż tiegħek.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tas-6 ta' Lulju 2017u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa int inġunt.

Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti kontra tiegħek, senjatament kawża għar-riżarċiment tad-danni sofferti mill-mittenti per konsegwenza tal-aġir abbużiv u illegali da parti tiegħek.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Francis Pisani tas-7 ta' Settembru 2017 li fiha ġie eċċepit bir-rispett:

1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma totalment frivoli u vessatorji u totlament infundati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi hekk kif ser jirriżulta matul is-smiegħ tal-kawża, l-attur ma għandux ir-rekwiżti essenzjali fil-liġi sabiex tissussisti l-kawża ta' spoll;

3. Illi di fatti, l-għelieqi tal-attur għandhom passaġġ ieħor u l-attur la għandu dritt u lanqas jagħmel użu mill-imsemmija mogħdija u dana anke kif ser jirriżulta matul is-smiegħ tal-kawża b'mod illi l-attur bl-ebda mod u manjiera ma għandu l-pussess li huwa rikjest mil-liġi sabiex timexxi l-kawża ta' spoll;

4. Illi in oltre, jirriżulta ukoll illi l-imsemmi katnazz ilu żmien twil fil-post tant illi mir-ritratti esebiti mill-attur stess jirriżulta li saħansitra l-katina u l-katnazz infushom mimlijin b'sadid li żgur li trabba wara ħafna żmien u għalhekk il-kawża odjerna żgur li ġiet ippreżentata ferm wara d-dekors ta' xahrejn minn meta seħħ l-fatt. B'hekk lanqas dana r-rekwiżit għall-kawża ta' spoll ma jirriżulta li ser ikun sodisfatt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet sottomissjonijiet;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

**Xhieda prodotta**

Illi in suċċint is-segwenti xhieda ġew imressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti:

L-attur xehed fl-10 ta' Ottubru 2017 fejn qal li għandu biċċa raba' n-Nadur li jidħol għaliha mix-Xagħra u tieħdu għall-wied tar-Ramla. Spjega li ilu jgħaddi minn dawn l-ambjenti mill-1984. Spjega li hemm passaġġ u lilu ħadd ma kellmu biex ma jgħaddix min hemm. Spjega li jgħaddi minn hemm hu stess kif ukoll ibnu u l-ħaddiema. Spjega li fir-raba' tiegħu ġieli jagħmilha żergħa u ġieli silla ħalli mbagħad jaqtagħha u jagħtih lil bhejjem tiegħu. Spjega li huwa jinżel għal dan il-passaġġ minn triq, fejn hemm rampa. Qal li hemm triq dejqa fejn il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xagħra, Għawdex. Spjega li din it-triq li tieħdok għal ġol-wied, ġiet miksija bis-siment mill-Gvern. Preċedentement, din il-parti kienet imħarbta ħafna u saru xi lmenti bil-konsegwenza li ġiet miksija mis-siment.

Kompla jgħid li f'Ġunju kien qiegħed ma' ibnu jiġbor il-ħuxlief u ġie Frans Pisani bil-moħriet jissupervja filwaqt li qallu li ġie biex jiġġieled. Spjega li huwa kien qallu sabiex imur u jħallih. Il-ħuxlief kien ġie maqtugħ qabel minn Jesmond Xerri. Spjega li Xerri dejjem jaqgthu dan il-ħuxlief u dan kien jaqbad ineħħi l-wire tal-azzar u jgħaddi. Spjega li kien hemm wire li jaqsam il-passaġġ, iżda l-passaġġ qatt ma kien maqful. Ikkonferma li kemm ilu jgħaddi minn hemm, qatt ma kien maqful il-passaġġ. Dejjem il-wire daqqa jkun fl-art u daqqa fuq xi kanna. Spjega li f'Ġunju, Frans allega li huwa kien kissirlu katnazz. Huwa rrisponda li huwa ma kisser l-ebda katnazz iżda kien biss qalgħu u għamlu fil-ġenb filwaqt li staqsih ir-raġuni għalfejn għamel dan il-katnazz.
Ikkonferma li meta mar fir-raba' dakinhar f'Ġunju, huwa kien osserva katnazz ġdid liema katnazz kien jaqfel il-wire. Spjega li huwa uża spanner li kellu, ħall il-vit ta' fuq l-ispanner u neħħieh. Insista li huwa ra dan il-katnazz għall-ewwel darba f'Ġunju. Spjega li huwa kien ilu ma jmur f'din ir-raba' xi erba' jew ħamest ijiem qabel ma osserva l-katnazz. Qal li huwa baqa' għaddej bix-xogħol tiegħu fir-raba' billi kien qed jagħmel il-ballel. Spjega li meta huwa bagħat lil ibnu għal-balal biex iġibhom, ibnu

infurmah li l-passaġġ kien reġa' ġie maqful. Qal li huwa għalhekk ħalla l-balal hemmhekk u ma jistax jidħol għalihom.

Spjega li iktar filgħaxija, ġie uffiċċjal tal-Pulizija d-dar tiegħu fejn infurmah li Frans Pisani kien irraportah li kissirlu katnazz. Huwa kompla jixhed li nforma lil Pulizija li kien ilu jgħaddi minn hemm għal tletin sena. Dakinhar huwa mar ġabar dan il-katnazz u meta kellu l-proċeduri kriminali fuq raggion fattasi, huwa rritorna l-katnazz fuq ordni tal-Qorti wara li ħa varji ritratti lill-istess katnazz. Sostna li l-katnazz huwa ġdid u mhux imsaddad. Żied jgħid li Pisani reġa' għamel katnazz ieħor u l-balal baqgħu fl-għalqa u jekk jibqgħu jixxarrbu, huwa ser ikun tilef ma' €900.

In kontroeżami huwa kkonferma li mar ma' bintu f'okkażżjoni oħra u l-passaġġ għadu maqful b'katnazz ieħor qadim.

F'seduta oħra fil-15 ta' Frar 2018, Paul Portelli spjega li huwa juża tractor biex jagħmel il-balal tat-tiben u jgħaddi b'dan it-tractor minn ġo dan il-passaġġ. Spjega li l-passaġġ fih madwar 9 piedi. Spjega li huwa jista' jgħaddi minn hemm biss minħabba l-makkinarju li jutilizza. It-tractor ilu għandu xi sentejn mentri l-balja ilha għandu sena. Qabel kien juża makkinarju kbir ukoll u kien ilu jagħmel hekk sa mis-sena 1984. Ikkonferma li hemm passaġġ iehor fih madwar erba' piedi u nofs wisa. Huwa ma jgħaddix minn hemmhekk bl-inġenji. Insista li huwa kien dejjem jgħaddi minn hemmhekk. Sostna li huwa jkollu wkoll il-karru li fih xi 45 pied.

In kontroeżami, Paul Portelli spjega li huwa qatt ma għadda mill-passaġġ ta' erba' piedi u nofs wisa'. Sempliċiment ippreżenta dan ir-ritratt biex l-intimat ma jgħidx li huwa kien jgħaddi minn hemm. Spjega li din ir-raba' ngħatat lilu miz-zijiet xħin ġie mis-safar. Ir-raba' hija reġistrata fuq ismu ma' ta' l-agrikoltura.

Jesmond Xerri xehed fil-5 ta' Diċembru 2017 fejn qal li r-raba' ta' l-attur qiegħda taħt in-Nadur fejn kellu d-dwieli ċ-Ċaqnu fil-wied tar-Ramla. Ir-raba' tidħol għaliha minn ġol-wied fejn hemm qisha rampa. Spjega li huwa dejjem daħal għal din ir-raba' min-naħa tal-Karmnu. Spjega li Portelli kien jinkarigah imur jaħsad ir-raba' tiegħu. Spjega li ilu tal-inqas għoxrin sena jaħsad din ir-raba'. Qal li huwa sab il-wajer bħal-soltu u neħħih biex jidħol għar-raba'. Spjega li ma kienx hemm katnazzi. Kulma hemm wajer min-naħa għall-oħra mqabbad ma' żewġ travi. Qal li huwa ħasad ir-raba' f' Mejju. Qatt ma kellmu ħadd biex ma jgħaddix minn hemm. Spjega li huwa jidħol f'din ir-raba' bit-tractor. Huwa spjega li qatt ma sab katnazzi hemmhekk. Ikkonferma li huwa ġieli ra lil Pisani jaħrat f'dawk l-inħawi.

Stephen Portelli spjega bil-ġurament tiegħu li huwa jiġi iben l-attur. Spjega li r-raba' in kwistjoni tiġi taħt in-Nadur fuq in-naħa tar-Ramla. Spjega li huwa u missieru jidħlu għaliha min-naħa tax-Xagħra, tiġi wara l-Korsa taż-żwiemel. Spjega li tgħaddi minn fejn hemm Muscat biż-żwiemel sabiex imbagħad tinżel minn ġo wied. Fuq in-naħa tal-lemin, hemm rampa u tibqa' tiela'. Spjega li qabel kien hemm wajer jew fl-art jew

kellu qisu granpun fejn iwaħħluh miegħu. Ħadd qatt ma kellimhom biex ma jgħaddux minn hemm.

Spjega li kull sena missieru jibgħat lil Jesmond Xerri biex jaħsad ir-raba'. F'Ġunju, hu u missieru marru biex jagħmlu l-balal u ġie Frans Pisani jgħajjat magħhom li ma ridhomx jgħaddu minn hemm. Spjega li Pisani għamel katnazz f'din ir-rampa fejn kien hem mil-wajer. Spjega li huma għamlu l-balal u mbagħad il-katnazz sar wara.

L-intimat xehed fl-24 ta' April 2018 fejn qal li l-għalqa tiegħu qiegħda taħt in-Nadur u fiha mitt tomna. Spjega li l-attur jaħdem għalqa taz-zijiet tiegħu u qed jipprova jidħol minn fuq ir-raba' tagħhom. Spjega li sa tmien snin ilu, iz-zijiet ta' Portelli kienu għadhom jaħdmu r-raba'. Paul Portelli daħal f'din l-għalqa madwar ħames snin ilu. Sostna li l-għalqa mhix tinħadem iżda titħalla ġmiem sabiex jidħol jaħsad fis-Sajf. Sostna li Portelli għandu jgħaddi minn passaġġ ta' ħames piedi li hemm.

Spjega li kien hemm wajer b'katnazz f'dan il-passaġġ u dan il-katnazz tkisser minn Paul Portelli. Spjega li l-katnazz ġie mogħti lilu lura waqt il-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra Portelli. Sostna li l-passaġġ minn mindu kisser il-katnazz Portelli baqa' miftuħ.

In kontroeżami huwa spjega li l-katnazz dejjem mwaħħal iżda dejjem ikissruh. Sostna li dan il-katnazz partikolari kien ilu mwaħħal minn Marzu. Sostna li tkisser f'Mejju. Sostna li huwa ra lil Portelli jkisser dan il-katnazz u jagħtih bil-mazza. Rinfaċċat li fil-proċeduri kriminali, id-data kienet waħda f'Ġunju, huwa sostna li jista' jkun żbaljat fid-data. Ikkonferma li l-katnazz kien wieħed ġdid. Sostna li huwa qatt ma kien ra lil Pawlu jgħaddi minn hemmhekk għax li kieku kien imur ikellmu. Sostna li meta rah jaqla' l-katnazz, huwa kien mar ikellem lil Pawlu. Ikkonferma li Pawlu kien qallu li huwa dejjem kien jgħaddi minn hemm.

Anthony Sammut xehed fit-8 ta' Novembru 2018 fejn qal li huwa jiġbor il-qbiela ta' raba' ta' taħt in-Nadur. Ikkonferma li Paul Portelli għandu raba' peress li ħadu minn taz-ziju tiegħu. Huwa spjega li ilu jiġbor il-qbiela sitt snin. Spjega li huwa jiġbor il-qbiela u jgħaddihom lil xi ħadd ieħor li mbagħad jibgħathom lil Apap-Bologna. Huwa sostna li Paul Portelli għandu aċċess fix-xitwa bir-riġel minn passaġġ ieħor, fis-sajf bil-karozza jew bl-inġenji minn ġo triq oħra u li entrambi l-passaġġi mhumiex it-triq ta' Francis Pisani. Spjega li l-passaġġ li tinżel bil-mixi m' għadux iwassal s'hemm mentri t-triq l-oħra għadha twassal sa hemm.

In kontroeżami, Sammut spjega li huwa jaħdem mastrudaxxa full time bejn is-seba' ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofsinhar. Fix-xitwa huwa jmur fir-raba' nhar ta' Sibt. Huwa kkonferma li għandu raba' f'dawn l-ambjenti mertu tal-kawża. Spjega li z-ziju ta' Paul Portelli huwa Pietru Sammut li jiġi minn missieru. Spjega li din ir-raba' hija qbiela u huwa jiġbor il-qbiela ta' din ir-raba' li qiegħda f'idejn Portelli. Sostna li huwa qatt ma ra lil Paul Portelli jaħdem din ir-raba'. Sostna li huwa jaf minn fejn suppost

jgħaddi Portelli peress li r-raba' tiegħu u r-raba' ta' Portelli għandhom l-istess passaġġ. Sostna li huwa ma jafx minn fejn kien jgħaddi Paul Portelli għaliex qatt ma rah.

Ikkonferma li huwa jaf fejn jinsab ir-raba' tal-konvenut. Sostna li l-konvenut għandu passaġġ ieħor minn fejn jgħaddi u mhuwiex il-passaġġ minn fejn suppost jgħaddi l-attur. Sostna li l-attur irid jaqsam passaġġ ieħor wara li jgħaddi minn ġo ta' Frans biex jilħaq ir-raba' tagħhom. Qal li Dok PP3 huwa passaġġ fejn Pisani għandu r-raba' iżda huma ma jgħaddux minn hemm. Spjega li ma jmurx hemmhekk għax dik mhux fit-triq tagħhom u għalhekk ma jafx jekk dan ikunx maqful jew le.

Ikkonferma li l-passaġġ li kienu jinżlu minnu minn ta' Duru bil-mixi ma għadux iwassal sar-raba' tagħhom u ma jafx għalfejn ma għadux jasal sar-raba' tagħhom. Meta kienu jmorru bil-moħriet jew karozza, kienu jgħaddu mir-Ramla. Sostna li qiegħed il-Qorti għaliex Portelli għadda minn fuq ta' Frans. Sostna li l-passaġġ bil-mixi ilu ma jwassal għal din ir-raba' madwar għaxar jew ħdax-il sena. Spjega li allura issa bdew jgħaddu mir-ramla jew minn ta' Ħamet.

**Ikkunsidrat:**

**Prinċipji legali**

Kif jingħad fir-rikors promotur, il-każ jitratta minn spoll reċenti u privileġġjat kif kontemplat fl-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili. L-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra. Kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji (Vide Vol. XXXI. I. 296 Appell8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' Konfermata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917).

Biex l-attur jirnexxi f'din l-azzjoni tiegħu jrid jipprova tliet affarijiet, u ċjoe`:-

i. li huwa kien jipposjiedi b'pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni;

ii. li huwa ġie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni;

iii. li huwa mexxa l-quddiem il-kawża fi żmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu.

Dawn it-tlett elementi għandhom ikunu kollha pruvati li jeżistu. (Vide f' dan is-sens is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fl-1 ta' April 2003 fl-ismijiet Tonna Francis Et Vs Borg Constantino u s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fl-24 ta' Settembru 2001 fl-ismijiet Sultana Dr Herbert Et Vs Easysell Properties Ltd Et).

Dwar l-element ta' pussess, l-attur għandu jipprova l-pussess effettiv u fattwali tal-proprjeta' jew drittijiet pretiżi da parti tiegħu. Fil-kawża Alfredo Delia vs Bonaventura Schembri et, deċiża fl-4 ta' Frar 1958 intqal li: "Din l-azzjoni hija mogħtija lis-sempliċi detentur, lill-possessur, kif ukoll lis-sid." Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Joseph Vassallo Gatt noe vs Joseph Camilleri pro et noe tas-26 ta' Jannar 1996 il-Qorti ta' l-Appell (LXXX.II.306) fil-waqt li osservat li kull xorta ta' pussess hu suffiċjenti sabiex tiġi radikata l-kawża ta' spoll, madanakollu tenniet "Imma hu dejjem meħtieġ li l-attur jipprova li għandu un possesso di fatto . . . " Deċiżjoni identika hija dik fl-ismijiet "Rosina Agius et vs Angelo u Antonia konjugi Agius" tat-2 ta' Novembru 1994, (Appelli Civili, LXXVIII.II.319).

Fid-deċiżjoni Gorg Camilleri vs Gorg Bonello tal-5 ta' Ottubru 1998 (Qorti ta' l-Appell, LXXXII.II.499) il-Qorti ta' l-Appell aċċentwat l-utilita' ta' l-azzjoni ta' l-ispoll, u ċioe' dik li tipproteġi l-pussess. Kien għalhekk li saħqet li hu elementari li l-pussess da parti ta' l-atturi jiġi ppruvat. Il-Qorti rreferiet għall-pronunzjamenti fl-istess sens magħmula f'deċiżjonijiet preċedenti għaliha:

"Kif kellhom okkażjonijiet jippronunzjaw ruhhom in materja dawn il-Qrati, (Koll. Vol. XLII.II.973) l-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' soċjali milli fuq prinċipju assolut tal-ġustizzja u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jiġi mpedut liċ-ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh, b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat . . .

… "F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok għaliha għandu dejjem ikun identifikabbli u għandu dejjem jiġi bi preċiżjoni identifikat (spoliatum fuisse) bħala fatt li seħħ fi żmien determinat mhux biss għaliex mill-mument meta javvera ruħu li l-perijodu ta' dekadenza estintiva ta' l-azzjoni jibda jiddekorri imma ukoll għaliex it-talba jeħtieġ li tkun għar-reintegrazzjoni ta' l-attur fl-istat possesorju li kien fih qabel ma seħħ il-fatt u dana qabel kull ħaġa oħra (ante omnia restituendum)."

Hu paċifiku li l-espressjoni "pussess ta' kwalsiasi xorta" tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċiment naturali u anke dak vizzjuż (Vol XLII pII p973). Pero hu meħtieġ dejjem li l-attur jipprova li għandu dan il-pussess (Vol XXXII pII p238). Anke wieħed qasir ħafna u saħansitra pussess momentaneju jibbastaw biex jawtorizzaw l-azzjoni ta' spoll (Vol XXXVII pII p642).

Għandu jiġi rilevat li kif intqal fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet John Sammut vs Emanuel Sammut:

"Huma komunissimi l-kawżi ta' din ix-xorta koncernanti ostakoli jew impedimenti fl-eżerċizzju tad-dritt ta' passaġġi jew mogħdijiet fir-raba. Ezemplari tagħhom huma dawk fl-ismijiet "Caterina Vella –vs- Giovanni Vella", Prim'Awla, Qorti Civili, 4 ta'

Novembru 1957; "Carlo Cardona et –vsFrancesco Tabone", Appell, 9 ta' Marzu 1992; "John Camilleri –vs- Peter Micallef et" Appell, 9 ta' Marzu 1999; "George Falzon –vs- Joseph Camilleri", Appell, 28 ta' Diċembru 2001 u Rosario Cutajar et –vs Emanuel Gatt et",Prim'Awla, Qorti Civili, 30 ta' Mejju 2002.

Għandu jiġi osservat pero` illi kif rilevat fis-sentenza "Giuseppe Cassar et –vs- Paolo Cassar et", Prim'Awla, 11 ta' Marzu 1955, "biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnhu ntentata biex jiġi reintegrat fil-pussess ta' passaġġ li fih jippretendi li ġie turbat, jeħtieġlu jipprova li huwa għandu l-pussess jew kważi pussess esklussiv tal-passaġġ, u mhux biżżejjed li juri li għandu biss id-dritt li jgħaddi mill-passaġġ."

Dwar it-tieni element rikjest sabiex tirnexxi din l-azzjoni, u ċioe' it-teħid tal-Pussess b' Għemil tal-Konvenut, għandu jingħadd li jrid jiġi ppruvat li l-konvenut għamel azzjoni kontra r-rieda ta' l-attur li neħħietlu l-pussess in kwistjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet Ellul Filomena vs Ellul Carmel sive Charles deċiża fit-23 ta' Jannar 2003, il-Prim' Awla studjat dan it-tieni element. Hija osservat illi:

"Dwar it-tieni element, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew inqas mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess."

F' Scicluna Louis vs Galea Theresa sive Tessie pro et noe deċiża fil-31 ta' Ottubru 2002, il-Prim' Awla enfasizzat għal darb' oħra fuq il-fatt illi din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata biss kontra minn ikun għamel l-att ta' spoll:

"il-vjolenza meħtieġa fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra l-volonta' tal-pussessur b'mod li jista' jagħti lok għall-azzjoni ta' danni kontra min ikun għamel dak l-att."

L-aħħar element rikjest huwa illi l-azzjoni ta' l-ispoll tiġi eżerċitata fit-terminu previst mil-liġi. F' Kevin Azzopardi et vs Lawrence Mifsud, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili spjegat fid-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' April 2004, illi t-terminu ta' xahrejn stipulat fil-Kodiċi Ċivili għall-preżentata ta' azzjoni ta' spoll jiġi kkalkolat miż-żmien meta seħħ l-allegat spoll u mhux minn mindu l-atturi jsiru jafu b'dan l-ispoll:

"… l-azzjoni trid tiġi esercitata fi żmien xahrejn. Dan għaliex meta l-pussess ma jkunx kostanti u reali, hu faċli biex meta jsir att spoljattiv l-attur jilmenta li ma kienx jaf bih ħlief ftit ġimgħat qabel ġiet intavolata l-kawża. Dan skond diversi sentenzi ma hux biżżejjed għaliex il-kliem tal-liġi u cioe' l-Artikolu 535 (1) tal-Kap. 16 hu ċar, u ċioe' li l-azzjoni trid tiġi ntavolata mhux iktar minn xahrejn qabel sar l-ispoll u eżattament fi żmien xahrejn mill-ispoll.

Fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fit-13 ta' Frar 2004 fl-ismijiet Alfred Paul Farrugia noe vs Peter Paul Cutajar intqal li

"L-azzjoni ta' spoll hija bażata fuq id-dispost tal-artikolu 535 tal-Kap 16 li jiddixxiplina l-azzjoni ta' spoll vjolent li għandu bħala elementi kostituttivi tiegħu tlett fatturi: il-pussess (possidesse), l-att spoljattiv (spoliatum fuisse) u dan l-att sar fi żmien xahrejn qabel ma ġiet intavolata l-azzjoni (infra bimestre deduxissesse).
It-terminu ta' xaharejn hu terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jiġix provat li l-azzjoni saret fiż-żmien xaharjen mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileġġjat ma tistax treġġi. Inoltre, il-ġurisprudenza interpretattiva abbraċċjata hi fis-sens dan il-perijodu bimestrali "jibda jiddekorri mid-data li fiha l-attur ikun attwalment u fiżikament ġie spoljat mill-pussess tiegħu u mhux a die scientiae". Interpretazzjoni diversa tmur kontra t-termini espressi tal-Artikolu 535 tal-Kap. 16 li ma jagħmel ebda distinzjoni f'dan is-sens imma jgħid espressament "fi żmien xaharejn mill-ispoll".

F'dan ir-rigward huwa validu l-argument illi kieku l-leġislatur ried jipprovdi li ż-żmien ta' dekadenza jibda jiddekorri meta l-persuna tkun indunat bl-att turbattiv jew setgħet hekk tinduna, kien jipprovdi b'dan il-mod kif għamel f'diversi każijiet oħra, u dan fuq l-istregwa tal-prinċipju li quod lex voluit lex dixit. Inoltre l-att spoljattiv li jgħati lok għall-azzjoni huwa meqjus li seħħ malli, u fid-data, li fiha ġie turbat il-pussess tal-attur, u hija minn din id-data li jibda jiddekorri l-perijodu perentorju ta' xaharejn, u huwa immaterjali għall-finijiet ta' dan l-element, li l-ispussessament jkun baqa' jippersisti."

**Ikkunsidrat:**

**Evalwazzjoni**

Illi l-attur f'din il-kawża qed isostni li fis-26 ta' Ġunju 2017 jew ġurnata verjuri qrib dik id-data, l-intimat mbarra l-passaġġ li minnu kien jgħaddi għal ġor-raba' fil-pussess tiegħu u dana billi waħħal katnazz ma' katina. Il-konvenut eċċepixxa illi l-attur ma għandux ir-rekwiżiti essenzjali fil-liġi sabiex tirnexxi l-kawża ta' spoll. Eċċepixxa li l-għelieqi ta' l-attur għandhom passaġġ ieħor minn fejn jgħaddu u li l-istess attur ma għandhux dritt u lanqas jagħmel użu mill-passaġġ in kwistjoni. Ġie eċċepiet li l-katnazz huwa wieħed antik u mimli sadid u għalhekk żgur li l-kawża ġiet ippreżentata ferm wara d-dekors ta' xahrejn.

Il-Qorti tagħmilha ċara li quddiemha għandha kwistjoni possessorja u għalhekk eċċezzjonijiet fis-sens li l-attur għandu passaġġ ieħor minn fejn jgħaddi jew li l-attur ma għandux dritt jgħaddi minn fuq il-passaġġ in kwistjoni, mhumiex relevanti għal din il-kawża. In fatti, fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet John Sammut vs Emanuel Sammut, intqal:

"Il-konvenut jistrieh bosta fuq din id-difiza li l-attur ghandu minn band' ohra minn fejn jghaddi. Ghall-fini tal-azzjoni proposta din id-difiza ma hi ta' l-ebda suffragju. Huwa immaterjali jekk l-attur ghandux moghdijiet ohra servjenti ghal htigijiet tieghu. Kull prova f'dan il-kuntest ma teliminax l-att arbitrarju tieghu. Huwa proprju dan l-agir li l-artikolu tal-liġi jrid jikkolpixxi u jistronka. Dan ghaliex lazzjoni hi radikata fuq l-esigenzi ta' l-utilita' socjali, intiza biex taghti protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi impedut lic-cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh. Il-fini tal-azzjoni huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt, jew turbat. (Vol XLII pII p973; Vol XLI pII p846).

Huwa proprju ghalhekk li l-istess disposizzjoni tal-liġi tinsisti b'referenza espressa ghall-Art 791 tal-Kap 12 illi l-konvenut f'kawża ta' spoll ma jista' jaghti ebda eccezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun rega' qieghed il-haga fl-istat pristinu. Huwa b'dan in mira li l-gurisprudenza u ddottrina legali jinsistu li l-Qorti ghandha tezamina biss ilfatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt ta' l-ispoll.

Ghalhekk huwa inutili li l-konvenut jghid li l-attur ghandu passaġġ iehor li jista' jghaddi minnhu. "Neanche' e' permesso in questa causa di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo domini o no; perche' la legge non richiede che un possesso materiale e di fatto; tanto e' vero che si concede la detta azione anche al possessore che avesse in tempo precedente usurpato con violenza la cosa altrui" (Vol X p55)."

Mill-provi prodotti, jirriżulta illi l-attur kien jgħaddi minn ġo dan il-passaġġ in kwistjoni qabel ma' ġie maqful bil-katnazz mill-konvenut. L-attur u ibnu xehdu li huma dejjem għaddew għal din ir-raba' minn dan il-passaġġ u li kien ikun hemm wajer ta' l-azzar li ma kienx ikun maqful. L-intimat ressaq lil Anthony Sammut li huwa persuna li jiġbor il-qbiela tar-raba' f' dawn l-ambjenti sabiex jittenta jipprova li l-attur ma jgħaddix minn dan il-passaġġ u li l-passaġġ minn fejn għandu jgħaddi huwa minn xi imkien ieħor. Madanakollu, l-istess Sammut ikkonferma li huwa qatt ma ra lill-attur f'din ir-raba u li għalhekk ma jafx minn fejn effettivament kien jgħaddi fir-realta' l-attur. In oltre, l-istess Sammut sostna li huwa kien imur f'dawn l-ambjenti nhar ta' Sibt peress li matul il-gimgħa jaħdem full time.

L-attur ippreżenta ritratti li juri l-inġenji li kien jgħaddi bihom u insista li ħadd qatt ma kellmu biex ma jgħaddix minn hemmhekk. L-abbli legali tal-intimat isostni li l-inġenji jidhru li huma ġodda u li għalhekk dan juri li l-attur kien probabilment akkwista dawn l-inġenji kbar u stante li mill-passaġġ minn fejn suppost jgħaddi, l-istess inġenji ma jistgħux jgħaddu, qed jipprova issa jgħaddi mill-passaġġ in kwistjoni. Madanakollu, l-attur ikkonferma li preċedentmenet huwa kien jgħaddi mill-istess passaġġ in kwistjoni b'inġenji li kellu u stante li kienu antiki, kienu ta' l-istess kobor jew mhux iktar wiesa'.

Tressaq ukoll argument li l-attur ma kienx jersaq lejn din ir-raba' għaliex din kienet tinħadem minn Jesmond Xerri u għaldaqstant semmai l-kawża kellha tigi istitwita

minn Xerri. Dan huwa argument infondat għall-aħħar stante li l-attur spjega kemm-il darba li huwa ilu mis-sena 1984 jgħaddi għal din ir-raba' minn dan il-passaġġ. Dan ġie kkorraborat minn ibnu u minn Jesmond Xerri. In oltre, Xerri kien imur f'din ir-raba' biex jaħsad ir-raba' fuq inkarigu ta' l-istess attur.

Irriżulta wkoll li in vista ta' dan il-katnazz, l-attur ma setax jibqa' jaċċedi għar-raba' tiegħu minn hemmhekk. Il-Qorti tagħmilha għal darb' oħra ċara li mhijiex qed tiddeċiedi jekk effettivament l-attur għandhux dritt ta' passaġġ.

Il-qorti hija sodisfatta li l-kawża ġiet intavolata ampjament entro x-xahrejn skond id-dispożizzjonijiet dwar l-ispoll. Irriżulta li ftit jiem wara li l-attur irriskontra l-passaġġ minn fejn kien jgħaddi magħluq bil-katnazz, huwa immedjatament ħa azzjoni billi anke bagħat ittra uffiċċjali fis-6 ta' Lulju 2017 lil konvenut (fol 4). Fl-istess ittra uffiċċjali hemm imniżżel li d-data kienet fil-jiem immedjatament qabel u wara s-26 ta' Ġunju 2017.

L-argumentazzjoni tal-konvenut fis-sens li l-katnazz li jidher fir-ritratt a fol 5 tal-proċess huwa msaddad u għalhekk jidher li huwa antik ma tista' tagħti l-ebda sostenn lill-konvenut. Dana peress li jista' jagħti l-każ li l-katnazz li kien uża l-konvenut kien wieħed ġia' użat jew antik. Kien semmai jinkombi fuq il-konvenut li jressaq xi provi ulterjuri li dak il-katnazz kien ilu mwaħħal. Għal kuntrarju fix-xhieda tiegħu l-ewwel sostna li kien waħħal il-katnazz f'Marzu u l-attur kissru f'Mejju iżda mbagħad meta rinfaċċat bil-fatt li fl-akkużi li nħarġu kontra l-attur dwar it-tkissir ta' dan il-katnazz, kienu fis-sens li l-katnazz twaħħal fis-26 ta' Ġunju, l-istess konvenut biddel il-verżjoni u qal li jista' jkun peress li huwa nesa d-data preċiża. Sussegwentement reġa' biddel il-verżjoni u qal li waħħal il-katnazz minn April 'l hemm. Imbagħad mistoqsi jekk il-katnazz kienx wieħed gdid, huwa rrisponda "Ma tafx!" (u ċioe' fl-affermattiv).

Mill-banda l-oħra, ix-xhieda mogħtija mill-attur kienet iktar kredibbli u kkorraborata kemm minn iben l-attur u kif ukoll minn Jesmond Xerri. Fis-26 ta' Ġunju 2017, l-attur u ibnu marru jiġbru l-ħuxlief mir-raba' u avviċinahom l-intimat li beda jargumenta li ma għandhomx dritt jgħaddu minn dak il-passaġġ. Dakinhar l-attur kien sab il-passaġġ magħluq bil-katnazz u huwa kien neħħa l-katnazz filwaqt li għadda. Wara dan l-episodju, l-attur baqa' ma jistax jgħaddi għar-raba' tiegħu fejn kien ħalla l-balal tas-silla biex jinġabru għaliex il-passaġġ kien reġa' ngħalaq. In oltre, mix-xhieda ta' Jesmond Xerri jirriżulta li meta l-aħħar li mar f'din ir-raba' f'Mejju 2017, ma kien għad hemm l-ebda katnazz imwaħħal.

Il-konvenut argumenta wkoll li huwa kien iwaħħal katnazz b'mod regolari iżda dan kien dejjem jitkisser. Din ix-xhieda hija kontradetta mix-xhieda ta' l-attur u ibnu li entrambi kkonfermaw li qatt ma kien hemm katnazzi jaqflu l-passaġġ qabel dan l-inċident. In oltre, Jesmond Xerri li ilu snin jiġi nkarigat mill-attur biex jaħsad l-għalqa ta' l-attur, ikkonferma li huwa qatt ma ra katnazzi sa meta daħal l-aħħhar f' Mejju 2017.

Għal darb' oħra, din il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut mhijiex verosimili.

Minn dan kollu jirriżulta bla dubju li l-att allegat ġie kommess, sar kontra l-volonta tal-attur (u allura bi vjolenza li trid il-liġi) u ma hemmx dubju li l-azzjoni saret entro x-xahrejn. Il-konvenut jista jkollu jew ma jkollux raġun fil-petitorju iżda ma hemmx dubju li kkommetta spoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet kollha attriċi fil-konfront tiegħu, u tipprefiġġi terminu ta' xahar għall-fini tat-tieni talba.

L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenut.

(ft) Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

22.09.2020 – Sup56.2017 – Paul Portelli vs Francis Pisani
4475